Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 26 – It-Tlieta 28 ta' Marzu 2017**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fl-4:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| | Bernard Carabott | Ambaxxatur |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

2.0 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1 Inqraw il-Minuti u gew ikkonfermati.

**3.0 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Is-Sindku rrefera għall-preparamenti li qed isiru mill-Perit Edward Scerri f'dawk li huma BOQ sabiex jiġu sottomessi għall-proġett ta' Triq il-Briegħen u Sant'Eliju. Sar qbil li għandha ssir applikazzjoni għaż-żewġ toroq iżda jekk ikun jinħtieġ li ssir għażla, l-għażla għandha taqa' fuq Triq il-Briegħen. It-toroq ser isiru bil-konkos u l-applikazzjoni għandha tiġi preżentata sal-14 t'April 2017. Sar qbil ukoll li possibilment it-triq issir forma dahar ta' ħmar biex il-ġnub iservu bħala lqugħ tal-ilma għall-bdiewa.

3.2 Is-Sindku rrefera wkoll għal-laqgħa li kellu mal-Perit Godwin rigward il-proġett tal-Playing Field. Huwa rrefera għal-fatt li l-Perit propona li għandna ninkludu lattrina pubblika fil-*playing field*. Il-Kunsill iddiskuta din il-possibilita' u qabel li għandu jinkludiha fil-pjanti mbagħad jiddeċiedi wara x'jagħmel. Sar qbil ukoll li għandna ninkludu l-*parking bay* tar-roti, *open-gym*. Is-Sindku rrefera wkoll għal-laqgħa li ser ikollu ma' Frans Mallia tal-MEPA flimkien mal-Perit tal-proġett Godwin Sultana nhar is-6 t'April 2017 rigward il-possibilita' ta' *funding* għat-twettiq ta' dan il-proġett.

3.3 Is-Sindku rrefera wkoll għal xi laqgħat li kellu mal-Perit Shawn rigward proġetti pendenti li għandna miegħu.

3.4 Is-Sindku rrefera wkoll għall-emails li bgħat b'xi *requests* pendenti fosthom id-*decking* taż-Żewwieqa, ta' Triq il-Brieghen u l-*embellishment* ta' Triq Borg Għarib.

3.5 Is-Sindku rrefera wkoll għal-laqgħa li kellu ma' Jason Micallef ta' Valletta 2018. Is-Sindku semma' li qasam miegħu diversi ideat fosthom f'Bethlehem f'Għajnsielem fosthom il-fatt li matul is-sena 2018 jkun miftuħa għall-pubbliku s-sena kollha anke permezz ta' statwi flok personaġġi. L-2018 tinserta wkoll l-ghaxar anniversarju ta' Bethlehem f'Ghajnsielem. Huwa semma' li s-Sur Micallef g]ogbitu l-idea u li ser jiddiskutiha aktar il-quddiem. Waqt il-laqgħa flimkien saret referenza wkoll għall-attivita' tal-Miġja tal-Maġi. is-Sindku wrieh x-xewqa li jsir *symposium* tal-presepji ħajjin hawn f'Għajnsielem. Is-Sur Micallef talabna proposta konkreta u jkunu lesti li jikkunsidrawha.

3.6 Is-Sindku rrefera għall-ħtieġa urġenti tal-Kumitat ta' Bethlehem f'Għajnsielem. Huwa rrefera għal-fatt li s-Segretarju Eżekuttiv ma tixtieqx li jkollha x'taqsam mad-donation u li għandha kull dritt li tagħmel dan peress li dawn huma fondi tal-Kumitat mhux tal-Kunsill.

3.7 Is-Sindku rrefera wkoll għar-re-enactment tas-Suldati Rumani bħala parti mill-attivitajiet li ser ittellgħa l-Għaqda Drammatika flimkien mal-Kunsill Lokali għall-Ġimgħa Mqaddsa. Huwa semma li l-ispiża ta' dan ir-re-enactment hija ta' €600 u l-ispejjeż tal-vapur. Huwa semma' li offrilhom is-somma ta' €500 inkluż t-trasport. Huwa semma li għadu qed jistenna l-konferma minn naħa tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandu jħallas parti mill-ispiża, dik ta' €300 u nħallsu l-ispejjeż tad-dawl.

3.8 Is-Sindku rrefera wkoll għal-laqgħa fuq il-post li kellu ma' Paul Stellini rigward Pjazza Tolfa. Huwa semma' li talbu sabiex flimkien iżuru Tolfa biex jintagħżel xi materjal. Sadanitant ser tiġi provduta *sketch* tal-proġett. Sadanitant is-Sindku semma' li huwa ġie mistieden mil-Comune ta' Tolfa sabiex imur għal Olimpiadi del Mondo 2017 f'Tolfa. Sar qbil li għandu jmur u jekk jista jkun Paul Stellini jakkumpanjah bi ħlas mill-Kunsill.

3.9 Is-Sindku rrefera għall-Clean Up li għandha ssir f'Ta' Lourdes mill-ERRC billi jixxabbtu biex inaddfu postijiet li mhumiex aċċessibli. Sar qbil li lil din l-għaqda għandha tingħatalha d-donazzjoni ta' €100 għal dan ix-xogħol.

3.10 Is-Sindku rrefera għat-talba li għamilna sabiex niltaqgħu mad-Direttur Mark Formosa u laqgħa oħra mal-Ministru għal Għawdex iżda għadna nistennew risposta.

3.11 Is-Sindku rrefera wkoll għal fatt li l-LESA ser jibdew jagħtu ċitazzjonijiet lil dawk li jinqabdu jarmu llegalment ħdejn il-Bring-in-Sites. Huwa semma li min jinqabad jarmi permezz tal-camera, ser jiġu mgħoddija r-ritratti u jinħarġulhom iċ-ċitazzjonijiet. Huwa rrefera għall-introduzzjoni tal-gwardjani lokali privati darba fil-ġimgħa. Dawn jigu mħaddma għal sitt sigħat għall prezz ta' €23 is-siegħa. Sar qbil li għandna nibdew dan is-servizz imminenti u li ninfurmaw lill-pubbliku dwaru.

3.12 Is-Sindku rrefera wkoll għall-kanal tad-dawl li sar ħdejn tas-sorijiet ta' Lourdes. Huwa semma' li jekk din ma tħalliniex inqabbdu miegħu nkunu għamilnih għalxejn.

## 4.0 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

4.1 Il-kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex *parking bay* li hemm fil-kantuniera ħdejn il-każin jibda jintuża bħala *parking bay* għall-muturi.

4.2 Is-Sindku Franco Ciangura talab sabiex titkompla z-*zebra crossing* ta' ħdejn il-każin.

4.3 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi talab sabiex bozza li kellha teħel mar-residenza ta' Manuel Saliba fil-Pjazza, teħel mal-lukanda l-ġdida li qed tinbena. Sar qbil ma dan.

4.4 Il-Kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex issir tindifa sewwa lit-traffic island ta' Garden Street.

4.5 Il-Kunsillier Buttigieg irrefera wkoll għad-dustbin li tpoġġa ħdejn Tal-Fuli kiosk u li qed jiġi abbużat billi jkun hemm ħafna boroz tal-iskart madwaru. Aktarx li qed jitpoġġew minn dawk li jipparkjaw fil-viċinanzi biex imorru xogħol Malta.

4.6 Il-Viċi Sindku rrefera għat-toilets ta' taħt il-Każin u semma' li jinħtieġilhom upgrade. Is-Sindku semma' li mhumiex qed ikun miżmuma tajjeb u żgur li hemm bżonn li jitranġaw iżda jinħtieġ li jitnaqqsu l-ilmenti li qed nirċievu dwar il-kuntratt tal-manutenzjoni tagħhom. Sar qbil li għal-laqgħa li jmiss għandna nistiednu xi rappreżentanti ta' Għajnsielem FC li huma nkarigati mill-kuntratt.

Sadanittant sar qbil li għandna nqabbdu Perit u jiċċertifikat x'jinħtieġ isir u ma jsirx.

4.7 Il-Viċi Sindku talab ukoll sabiex jinqata' l-ħaxix ħażin ta' Triq il-Qigħan u Triq iċ-Ċimiterju. Huwa sssuġġerixxa li matul Triq il-Qigħan isir ftit *cement* biex din il-problema tal-ħaxix tinqata' darba għal dejjem.

4.8 Il-Kunsillier Peter Caruana rrefera għal fatt li waslulu xi lmenti dwar il-fatt kif il-bieraħ u llum kien hemm xi ħaddiema tal-Kunsill tagħna jagħmlu xogħolijiet fuq bankina fil-Qala, Għawdex anke bl-użu tat-trakk tal-Kunsill. Il-Kunsillier Pietru Caruana staqsa kif setgħa jsir dan u min kien ser ikun responsabbli li kieku jweġġa' xi ħadd minnhom.

4.8.1 Is-Sindku Franco Ciangura wieġeb li li ġara huwa li t-tifel tiegħu kellu nċident fil-Qala u nforma lis-Sindku tal-Qala b'dan l-incident u li tkissret bankina. Wara s-Sindku kkuntattja lis-sid u li kien ser jassumi r-responsabilita' tal-ħsarat hu. Għalhekk huwa kkuntatja xi ħaddiema tal-Kunsill, Frankie Saliba u Emanuel Azzopardi sabiex iwettqu x-xogħol huma jew wara l-ħin tax-xogħol, jew is-Sibt jew inkella mill-Vacation Leave tagħhom u jħallashom hu u dawn aċċettaw. Huwa ddikjara li fl-ebda ħin ma kien jaf li ser ikunu erba' ħaddiema. Fil-fatt huwa semma' kif it-Tnejn 27 ta' Marzu 2017 wara nofsinhar sar jaf li dawn marru erba' ħaddiema flok tnejn u dlonk ikkuntatja lis-Segretarja u enfasizza li dawn iż-żewġ ħaddiema tinqatalhom wkoll mil-Leave tagħhom. Is-Segretarja kkonfermat li hi lanqas biss kienet taf li marru fuq xogħol ieħor peress li filgħodu kollha ffirmaw għax-xogħol u li wara nofsinhar ġiet ikkuntatjatha mis-Sindku fejn infurmaha li l-ħaddiema marru xogħol imqabbad minnu fil-Qala u talabha sabiex il-ġurnata ta' dakinhar tinbidlilhom għal-Vacation Leave. Stqarret ukoll li wara li kkuntatjathom wieħed wieħed biex tinfurmahom b'dan, qatgħatilhom nofs ta' nhar mill-Vacation Leave tagħhom u għamlet applikazzjoni għall-Vacation Leave għat-Tlieta u l-Erbgħa fuq struzzjonijiet moghtiha lilha mis-Sindku. Is-Sindku semma' li huwa kellu ftehim ma' tnejn biss minnhom u fl-ebda ħin ma kien jaf li ser imorru erbgħa. Huwa kkonferma li l-materjal u l-madum xtrah kollu hu personalment u kkonferma wkoll li l-ħaddiem Frankie Saliba ġarr il-materjal bit-trakk.

4.8.2 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi kkundanna dan l-aġir tas-Sindku u qal li huwa moralment ħażin li Sindku jordna lill-ħaddiema biex imorru jagħmlu xogħol privat barra mil-lokal waqt il-ħin tax-xogħol. Huwa qal li aktar gravi minn hekk huwa il-fatt li x-xogħol sar ġo raħal ieħor u mingħajr l-awtorizazzjoni tal-Kunsill u Segretarja. Huwa spjega kif dan jirrifletti ħażin ħafna fuq il-Kunsill meta ndividwi jaraw il-ħaddiema tal-Kunsill bl-għodda u bit-trakk tal-Kunsill jagħmlu xogħol barra mil-lokal speċjalment meta tikkunsidra il-fatt li dan ix-xogħol kien qed isir fi triq prinċipali fil-Qala. Il-Viċi Sindku qal li hemm ħafna xogħol xi jsir ġor-raħal u mhux sew li erbgħa mill-ħaddiema ġew ordnati jieħdu l-leave f'daqqa għal jumejn jew tlett ijiem biex jmorru jagħmlu xogħol tas-sindku fil-privat.

Huwa qal li bl-istess argument jistgħu l-kunsilliera x'ħin jkollhom bżonn biċċa xogħol privata urġenti jqabbdu lill-ħaddiema tal-Kunsill jeħduha *leave* mingħajr awtorizazzjoni ta' ħadd u dan ix-xogħol isir. Il-Viċi Sindku talab li ssir dikjarazzjoni li la hu u lanqas l-kunsilliera m'għandom x jaqsmu max-xogħol ta' bankina li saret l-Qala u ma jaqblux mal-fatt li l-ħaddiema tal-Kunsill ġew imġegħla mis-Sindku biex jagħmlu xogħol imqabbad minnu.

4.8.3 Il-Kunsillier Larry Buttigieg irrimarka għall-fatt li l-Kunsill ma' għandux x'jaqsam ma dan ix-xogħol li ġie ordnat mis-Sindku u li fl-ebda ħin il-Kunsill ma qed jakkuża lis-Sindku li l-materjal ma xtraħx hu personalment. Is-Sindku wieġbu li huwa ma ħassx li għandu jinforma lill-Kunsill għax kienet xi ħaġa privata, tant hu hekk li lanqas lis-Segretarja ma daħħal fiha.

4.8.4 Il-Kunsillera Karen Xuereb stqarret li hija wkoll avviċinawha xi nies li għaddew jimxu minn Triq l-Imġarr, fil-Qala u ilmentaw kif qed isir ix-xogħol hemmhekk. Hija stqarret li assolutament ma taqbilx ma' kif saru l-affarijiet u talbet sabiex ma jerġgħux jsiru affarijiet simili għax finalment jirrifletti ikrah fuq il-Kunsill.

4.8.5 Is-Sindku talab sabiex dak il-ħin stess nibgħatu għall-co-ordinator tal-ħaddiema Frankie Saliba biex jagħti l-verzjoni tiegħu u jsaqsuh li jridu. Frankie ġie għal-laqgħa dak il-ħin u semma' kif ġie kkuntatjat mis-Sindku xi jiem ilu biex imorru jagħmlu xi xogħol il-Qala wara l-ħin tax-xogħol, jew jeħduha Vacation Leave. Huwa kkonferma li s-Sindku ordna lilu u lil Emanuel Azzopardi biss biex jagħmlu x-xogħol iżda filfatt kienu erba' ħaddiema flimkien ma' missier is-Sindku li wettqu x-xogħol. Huwa semma' li għoġobhom jeħduha mil-Leave tagħhom. Huwa kkonferma li mar fuq dan il-post tax-xogħol bl-għodda u bit-trakk tal-Kunsill u li għad fadal ġurnata oħra ta' xogħol fuq din il-bankina. Hawnhekk is-Sindku ta struzzjonijiet biex importanti li l-għada, l-Erbgħa, jmorru żewġ ħaddiema biss.

4.8.6 Is-Sindku kkonferma li huwa tkellem ma zewg haddiema Frankie u Emanuel u mhux ma' erbgha u x-xoghol sar f'erbgha nofs ta' nhari u mhux erbat ijiem. Is-Sindku semma' wkoll li fl-ebda hin ma' ssemmew trakk u ghodda tal-Kunsill maghhom u li dawn setghu ntuzaw mill-haddiema genwinament minghajr l-ebda hsieb.

4.9 Il-kunsillier Peter Caruana talab sabiex jinżebgħu mill-ġdid żewġ fanali quddiem il-knisja ta' Sant'Antnin. Sar qbil li jsir dan.

4.10 Il-Kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex inressqu t-talba lill-Transport Malta ħalli jinżebgħu double yellow lines man-naħa tas-sies fi Triq ta' Lourdes peress li meta qed jipparkjaw fuq iż-żewġ naħat mhux qed ikunu jistgħu jgħaddu l-karozzi. Sar qbil li għandna nressqu din it-talba lil Transport Malta.

4.11 Il-kunsillier Buttiġieġ talab ukoll sabiex isiru *double yellow lines* ukoll fi Triq il-Gudja taħt is-siġar għax qed tiġri l-istess sitwazzjoni bħat-Triq ta' Lourdes.

4.12 Il-Kunsilliera Karen Xuereb talbet sabiex tintbgħat *reminder* sabiex isiru d-*double yellow lines* fi Triq Sant'Antnin.

## 5.0 Korrispondenza u Rapporti

5.1 Saret diskussjoni dwar l-ilment li daħal għad-*double yellow lines* li nżebgħu riċentament fi Triq Cordina u għall-ilment mingħand sid ta' blokka *flats* li lmenta li b'hekk qed jonqos *parking bay.* Sar qbil li għandna nerġgħu nressqu l-każ quddiem Transport Malta biex jirrevedu d-deċizjoni tagħhom u jaraw jekk is-sinjali jistgħux jitnaqqsu ftit biex ħadd ma jgerger.

5.2 Saret diskussjoni wkoll rigward ilment simili għad-*double yellow lines* li saru faċċata tal-Bus Stop f'Garden Street. Il-Kunsill qabel li l-Bus Stop ma kienx postha fejn hi għax fejn hi qegħda qed tikkaġuna ħafna problemi.

5.3 Ġew trattati t-talbiet li ressaq Kenneth Mercieca sabiex *parking bay* li hemm ħdejn *protective barriers* fi Triq ix-Xatt jitħalla liberu sabiex ma jostakolax l-fatt li jgħaddi persuna b'*wheelchair* jew *pushchair.* Talba oħra kienet sabiex jiġu estiżi *double yellow lines* fil-bidu tat-telgħa ta' Lourdes. Sar qbil li għandna nibgħatu dawn it-talbiet lil Transport Malta għad-diskrezzjoni tagħhom iżda nżommu r-riserva li fl-istess ħin konxji mil-problema kbira ta'nuqqas ta' *parking* li joffri l-port tal-Imgarr.

5.4 Il-Kunsillier Larry Buttigieg irrefera għall-problema li qed teżisti fi Triq Martino Garces, fit-telgħa ta' ħdejn il-Horatios peress li matul il-ġurnata qed jipparkjaw il-vetturi b'detriment li jigħalaq l-aċċess anke għal-loading/unloading.

5.5 Ġiet trattata t-talba mingħand Samantha Jo Xuereb sabiex il-bankina tar-residenza tagħha ssir bil-madum. Il-Kunsill laqa' din it-talba u li għandu jagħmilha bil-ħaddiema tiegħu.

5.6 Ġie trattat l-ilment mingħand is-Sur Joe Debattista rigward xi mistoqsijiet dwar jekk il-permess ta' żvilupp tal-estenzjoni tal-Grand Hotel hux ser jaffettwa l-Belveder. Sar qbil li għandna nitolbu kopja tal-pjanti lil MEPA biex nivverifikaw dan l-ilment.

5.7 Ġie trattat l-ilment li s-Sur Alan Jones ta' Triq Firilla għandu pjanti perikolużi fuq il-bankina. Sar qbil li għandu jiġi nfurmat sabiex ineħħihom.

Ġie trattat il-każ ta' meta Noel Grima għamel xogħol ta' demoluzzjoni ta' post fi Triq Simirat qabel ma nqalgħet il-bozza minn postha b'detriment li waqt l-andament tax-xogħol din twaqqgħet mill-makkinarju u nkissret. Is-Segretarja semmiet li hija kkuntatjat lis-Sur Grima fejn ġibditlu l-attenzjoni sabiex jiġi jħallas il-ħsara li għamel. Is-Sindku semma' li huwa kkuntatjah u kkonfermalu li ser jixtri bozza ġdida hu. Is-Segretarja stqarret li s'issa għada ma rċeviet la l-bozza u lanqas il-ħlas. Sar qbil li għandu jintbgħatlu bil-miktub biex iħallas għad-danni li għamel.

5.8 Ġiet trattata t-talba mingħand Frans Cauchi fejn talab sabiex issir *sleeping policeman* quddiem 21, Baħħara Street. Il-Kunsill qabel li mhux favur li jsiru aktar *sleeping policemen* anke peress li qed ikollu pressjoni kbira biex ineħħi dawk eżistenti.

5.9 Ġiet trattata wkoll it-talba mingħand Mary Rose Grech ta' 35, Triq Cordina sabiex jinbidel il-*bricks* tal-bankina tagħha f'madum.

5.10 Saret talba mingħand Josephine Rapa sabiex tiġi nstallata bozza ġdida ma' arblu faċċata ta' 52, Triq Għajnsielem. Sar qbil li għandna nivverifikaw il-ħtieġa u li din it-talba għandha tiżdied mal-lista tat-talbiet ta' lampi ġodda.

5.11 Ġie trattat l-ilment li daħal mingħand Francis Galea li tpoġġew xi qsari li huma ta' periklu fuq il-bankina fi Triq Firilla. Sar qbil li għandha tinkiteb ittra lil dawn is-sidien u jiġu mitluba biex ineħħu dan il-periklu.

5.12 Tressqet ukoll it-talba mingħand is-Sur Paul Azzopardi fejn talab sabiex dik il-parti minn Triq il-Merkanti fejn ġie mressaq l-arblu tad-dawl jingħata t-*tarmac* jew xi tip ta' *cold asphalt.*

5.13 Ġiet trattata t-talba li ilu jtenni s-Sur Charlie Saliba sabiex issir bozza ġdida faċċata tar-residenza tiegħu. Is-Sindku rrefera għall-istima miġjuba mingħand Galeacurmi sabiex inkunu nistgħu nagħmlu arblu b'żewġ lampi bħalma hemm madwar il-ġnien. L-istima ntelgħet għal madwar €4000. Peress li l-ispiża hija għolja ħafna, sar qbil li għandha ssir bozza normali ma' arblu li jinsab fil-kantuniera tar-residenza tiegħu.

5.14 Ġie diskuss il-fatt li l-kuntratt tat-*turf* tal-Pjazza tad-Dehra ser jiskadi. Il-Kunsill iddiskuta l-fatt jekk jieħdux ħsieb il-manutenzjoni ta' din il-Pjazza permezz tal-ħaddiema tiegħu jew inkella jerġa joħroġ *quotation*. Sar qbil li għandna noħorgu stima għall-pubbliku u wkoll li għandna nixtru *lawn mower* biex jintuża mill-ħaddiema tal-Kunsill.

5.15 Sar qbil li l-kunsill għandu jibda jżomm depożitu ta' €100 għall-permessi tal-*cranes* sabiex jekk issir xi ħsara waqt ix-xogħol dan id-depożitu jinżamm mill-Kunsill biex jagħmel tajjeb għad-danni mġarrba.

## 6.0 Rapport tal-Evalwazzjoni tal-offerta tar-Resurfacing ta' Triq Ħamri/Żewwieqa

6.1 Is-Segretarja rreferiet għar-rapport tal-Bord tal-Għażla wara li għalqu l-offerti għat-tarmak ta' Triq Hamri u Triq iż-Żewwieqa. Intefgħu żewġ offerti; waħda mingħand Road Construction għall-prezz ta' €150,801.20 u l-oħra mingħand Gatt Construction Ltd għall-prezz ta' €139,717.72. Il-Bord irrakkomanda li l-għazla għandha taqa' fuq l-orħos offerta dik ta' Gatt Construction Ltd. Il-kunsill qabel li għandu jaċċetta din l-offerta u li għandu jinforma lill-kuntrattur sabiex ix-xogħolijiet jibdew wara Settembru biex inħallu l-istaġun tas-sajf jgħaddi.

## 7.0 Proġetti Kapitali

7.1 Sar qbil li għandha tinħareġ quotation għall-pubbliku għall-imprint ta' ħdejn it-taraġ tal-mosaic.

## 8.0 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-pagamenti

8.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-Kunsill approvahom sabiex isir il-ħlas tagħhom.

## 9.0 Materji Oħra

Is-Sindku talab sabiex jinbarxu u jinżebgħu l-fanali li hemm fuq iż-zuntier tal-knisja l-qadima. Sar qbil li dawn għandhom isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

## 10.0 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

10.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9:00 ta' filgħaxija.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**